IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2013
COM(2013) 675 final

2013/0323 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Memorandum ta' Qbil rivedut mal-Istati Uniti tal-Amerika Rigward l-Importazzjoni taċ-Ċanga ġejja minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni li Jinkoraġġixxu t-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fit-13 ta' Mejju 2009 "Memorandum ta' Qbil bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Kummissjoni Ewropea Rigward l-Importazzjoni taċ-Ċanga ġejja minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni li Jinkoraġġixxu t-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Komunitajiet Ewropej" (il-MtQ) ġie ffirmat f'Ġinevra. Il-MtQ ġie approvat mill-Kunsill permezz ta' ittra tat-12 ta' Mejju 2009 bħala ftehim internazzjonali tal-KE.

Il-MtQ jistipula l-passi differenti rigward l-importazzjoni taċ-ċanga li ma tkunx ġiet ittrattata b'ormoni li jinkoraġġixxu t-tkabbir fl-UE, kif ukoll l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kummerċjali mill-Istati Uniti kontra prodotti tal-UE bħala parti mit-tilwima tad-WTO fuq *KE — Miżuri li Jikkonċernaw il-Laħam u Prodotti tal-laħam (Ormoni)*. Dawn il-passi huma miġbura fi tliet fażijiet.

Fl-Ewwel Fażi, minn Awwissu tal-2009 sa Awwissu tal-2012, l-UE fetħet kwota tariffarja awtonoma *erga omnes* għal 20,000 tunnellata ta' "Ċanga ta' Kwalità Għolja",[1] u l-Istati Uniti naqqset il-livell ta' sanzjonijiet applikati għall-prodotti tal-UE.

Fit-Tieni Fażi, mill-1 ta' Awwissu 2012 sal-1 ta' Awwissu 2013, l-UE fetħet kwota akbar għal 45,000 tunnellata ta' Ċanga ta' Kwalità Għolja,[2] u l-Istati Uniti ssospendiet is-sanzjonijiet kummerċjali kollha fuq il-prodotti tal-UE li jirriżultaw mit-tilwima tal-*Ormoni*.

Il-MtQ jipprevedi li, jekk il-Partijiet ma jilħqux ftehim li jidħlu fit-Tielet Fażi sal-iskadenza tat-Tieni Fażi, il-MtQ għandu jitqies li jkun mitmum; madankollu, l-obbligi ewlenin tiegħu tal-ftuħ ta' kwota għal ċanga ta' kwalità għolja u s-sospensjoni tas-sanzjonijiet kummerċjali kollha jibqgħu fis-seħħ għal sitt xhur oħra.

Bħalissa ma hemmx ftehim ta' dħul fit-Tielet Fażi, iżda t-terminazzjoni tal-MtQ mhuwiex fl-interess tal-UE jew fl-Istati Uniti. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jestendu t-Tieni Fażi sa Awwissu 2015, filwaqt li jissokktaw id-diskussjonijiet fuq it-Tielet Fażi.

L-emenda tal-MtQ tista' wkoll tiċċara l-elementi tat-Tielet Fażi, jekk il-Partijiet jaqblu li jidħlu fiha fi tmiem it-Tieni Fażi estiża. Ir-regoli tal-MtQ dwar il-ġestjoni tal-liċenzji jistgħu jiġu emendati wkoll biex jirriflettu s-sistema ta' "min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel", introdotta fl-2012[3].

2. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-proposta tikkonsisti minn proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Memorandum ta' Qbil rivedut. Qed tiġi ppreżentata wkoll proposta relatata għall-konklużjoni tal-Memorandum.[4]

3. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Xejn.

---

1 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja, ĠU L 182, 15.7.2009, p. 1.

2 Ir-Regolament (UE) Nru 464/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012, ĠU L 149, 8.6.2012, p. 1.

3 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2012 tas-7 ta' Ġunju 2012 jistipula regoli għall-ġestjoni ta' kwota tariffarja għal ċanga ta' kwalità għolja, ĠU L 148, 8.6.2012, p. 9.

4 [referenza]

2013/0323 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Memorandum ta' Qbil rivedut mal-Istati Uniti tal-Amerika Rigward l-Importazzjoni taċ-Ċanga ġejja minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni li Jinkoraġġixxu t-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) It-Tieni Fażi tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Kummissjoni Ewropea Rigward l-Importazzjoni taċ-Ċanga ġejja minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni li Jinkoraġġixxu t-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Kommunitajiet Ewropej, approvata mill-Kunsill bħala ftehim internazzjonali tal-UE ntemmet fl-1 ta' Awwissu 2013.

(2) Huwa fl-interess tal-UE li testendi t-Tieni Fażi filwaqt li tissokkta li ttemm it-tilwima tad-WTO *KE — Miżuri li Jikkonċernaw il-Laħam u Prodotti tal-Laħam (Ormoni)*.

(3) Għal dan il-għan il-Kummissjoni nnegozjat abbozz ta' emendi għall-MtQ.

(4) Għaldaqstant, il-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Memorandum ta' Qbil Rivedut mal-Istati Uniti tal-Amerika Rigward l-Importazzjoni taċ-Ċanga ġejja minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni li Jinkoraġġixxu t-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea qed jiġi approvat soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim li għandu jiġi ffirmat huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna (jew il-persuni) indikata/indikati min-negozjatur tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Memorandum ta' Qbil Rivedut mal-Istati Uniti tal-Amerika Rigward l-Importazzjoni taċ-Ċanga ġejja minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni li Jinkoraġġixxu t-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea

Artikolu I
Skop u Objettivi

Permezz ta' dan il-qbil, l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea biħsiebhom jilħqu l-objettivi li ġejjin:

1. Li jipprovdu, fl-Ewwel Fażi ("Fażi 1"), temporanjament u parzjalment għall-:
   (a) Espansjoni mill-UE għall-aċċess għas-suq għal Ċanga ta' Kwalità Għolja u
   (b) Tnaqqis fil-livell ta' dazji ogħla applikati mill-Istati Uniti għal ċerti prodotti tal-UE awtorizzati minn mid-WTO fl-1999 (id-"dazji ogħla")

   sabiex il-Partijiet jiksbu esperjenza f'kummerċ addizzjonali fiċ-Ċanga ta' Kwalità Għolja u jiffaċilitaw tranżizzjoni lejn kundizzjonijiet fit-tul;
2. Biex joħolqu l-opportunità għall-pass lejn it-Tieni Fażi ("Fażi 2"), għall-:
   (a) Espansjoni ulterjuri mill-UE għall-aċċess għas-suq għal Ċanga ta' Kwalità Għolja u
   (b) Tnaqqis tad-dazji ogħla għal żero

   sabiex il-Partijiet jiksbu esperjenza f'kummerċ addizzjonali fiċ-Ċanga ta' Kwalità Għolja u jiffaċilitaw tranżizzjoni lejn kundizzjonijiet fit-tul; kif ukoll
3. Biex joħolqu l-opportunità ulterjuri għad-dħul fit-Tielet Fażi ("Fażi 3") fir-rigward tat-tilwima tad-WTO bejn il-Partijiet, *KE — Miżuri li Jikkonċernaw il-Laħam u Prodotti tal-Laħam (Ormoni)*.

Arikolu II
Obbligi Ewlenin

1. Fil-bidu tal-Ewwel Fażi, l-UE se twaqqaf kwota tar-rata tariffarja awtonoma għal Ċanga ta' Kwalità Għolja ta' kwantità annwali ta' 20,000 Tunnellata Metrika ta' piż tal-prodott, u li għaliha r-rata tariffarja fi ħdan il-kwota hija żero (0) fil-mija.
2. L-UE se tiftaħ kwota ta' rata tariffarja awtonoma msemmija fil-paragrafu 1 sat-3 ta' Awwissu 2009.
3. Fir-rigward tad-dazji ogħla, l-Istati Uniti mhux se żżid mal-ambitu, tibdel l-oriġini ta' prodotti soġġetti għal żieda fid-dazji jew iżżid il-livell ta' dawn id-dazji kif kien fis-seħħ mit-23 ta' Marzu 2009.
4. Ladarba l-Istati Uniti u l-UE jidħlu fit-Tieni Fażi, kif deskritt fl-Artikolu I.2, u nnegozjat skont l-Artikolu IV.2:
   (a) L-UE se żżid il-kwantità tal-kwota ta' rata tariffarja awtonoma msemmija fil-paragrafu 1 għal 45,000 Tunnellati Metriċi ta' piż tal-prodott u
   (b) L-Istati Uniti se tissospendi d-dazji ogħla kollha imposti marbuta mal-proċedimenti għall-arranġamenti tat-tilwima tad-WTO f'*KE — Miżuri li Jikkonċernaw il-Laħam u Prodotti tal-Laħam (Ormoni)*.

5. Ladarba l-Istati Uniti u l-UE jidħlu fit-Tielet Fażi, kif deskritt fl-Artikolu I.3, u nnegozjat skont l-Artikolu IV.3:

(a) L-UE se żżid il-kwantità tal-kwota ta' rata tariffarja awtonoma msemmija fil-paragrafu 1, fil-livell speċifikat fil-paragrafu 4(a) u

(b) L-Istati Uniti se twaqqaf id-dazji ogħla imposti marbuta mal-proċedimenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwima tad-WTO f'*KE — Miżuri li Jikkonċernaw il-Laħam u Prodotti tal-Laħam (Ormoni)*.

Artikolu III
Ġestjoni tal-Kwota

1. Il-Partijiet jaqblu li l-kwota tar-rata tariffarja msemmija fl-Artikolu II se tiġi amministrata mill-Kummissjoni fuq il-bażi li min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel**.**

2. Il-Kummissjoni se timplimenta u tamministra l-kwota tar-rata tariffarja stipulata f'dan il-Qbil skont l-Artikolu XIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, inklużi n-noti interpretattivi tiegħu. Il-Kummissjoni se tagħmel kull sforz biex tamministra l-kwota tar-rata tariffarja msemmija fl-Artikolu II b'mod li jippermetti lill-importaturi li jutilizzawha b'mod sħiħ.

Artikolu IV
Monitoraġġ u Konsultazzjoni

1. 1. L-Istati Uniti u l-UE se:

(a) Jimmonitorjaw u jirrivedu l-operazzjoni ta' dan il-Qbil u,

(b) Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, imexxu konsultazzjonijiet bilaterali addizzjonali rigward it-tħaddim ta' dan il-Qbil, inklużi kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-kwota, sa mhux iktar tard minn tletin (30) jum mill-wasla tat-talba bil-miktub għall-konsultazzjonijiet.

2. Mhux aktar tard minn tmintax-il (18) xahar mid-data speċifikata fl-Artikolu II.2, l-Istati Uniti u l-UE se jiltaqgħu sabiex jirrevedu t-tħaddim tal-Ewwel Fażi bil-għan li jidħlu fit-Tieni Fażi.

3. Ladarba l-Istati Uniti u l-UE jidħlu fit-Tieni Fażi, mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data li fiha l-UE timplimenta l-obbligu stabbilit fl-Artikolu II.4(a), se jiltaqgħu sabiex jirrevedu t-tħaddim tat-Tieni Fażi bil-għan li jidħlu fit-Tielet Fażi. Din ir-reviżjoni għandha b'mod partikolari tkopri, *inter alia*, il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) Id-durata tat-Tielet Fażi,

(b) L-istatus u l-effetti tal-Qbil fir-rigward tal-Qbil fuq ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw ir-Riżoluzzjoni ta' Tilwim (DSU),

(c) Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità mat-termini tal-Qbil minn kwalunkwe Parti, u

(d) L-istatus u d-dispożizzjoni ta' kwalunkwe proċediment għar-riżoluzzjoni tat-tilwima f'*KE — Miżuri li Jikkonċernaw il-Laħam u Prodotti tal-Laħam (Ormoni)*.

4. Wara li kkonkludiet ir-reviżjoni msemmija fil-paragrafu 3, jekk il-Partijiet jaqblu dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul fit-Tielet Fażi, il-Partijiet jistgħu, billi japplikaw il-proċedura stipulata fl-Artikolu V.5, jemendaw il-Qbil sabiex jirriflettu l-

konklużjonijiet miftiehma ta’ dik ir-reviżjoni. Emenda bħal din mhix se tibdel l-obbligi ewlenin kif imsemmi fl-Artikolu II.5.

5. Bħala parti minn din ir-reviżjoni, il-Partijiet qablu li jimmodifikaw dan il-Qbil f'[data tal-firma].

Artikolu V
Durata, Irtirar u Emendar

1. L-Ewwel Fażi se ddum tliet (3) snin mid-data speċifikata fl-Artikolu II.2.

2. It-Tieni Fażi se ddum tliet (3) snin mid-data tad-dħul tal-Partijiet fit-Tieni Fażi.

3. It-Tielet Fażi għandha tibda fuq notifika lill-Korp għar-Riżoluzzjoni fuq Tilwim tad-WTO f’dan ir-rigward.

4. Jew l-Istati Uniti jew l-UE jistgħu jirtiraw minn dan il-Qbil billi javżaw bil-miktub lill-Parti l-oħra. F’każ li waħda mill-Partijiet tipprovdi tali avviż bil-miktub, dan il-qbil għandu jiskadi sitt (6) xhur mid-data tal-wasla li t-tali avviż ġie pprovdut. F’każ li ż-żewġ Partijiet jipprovdu tali avviż bil-miktub, dan il-Ftehim għandu jiskadi sitt (6) xhur mill-aktar data riċenti minn meta t-tali avviż ġie pprovdut. Matul dawn is-sitt (6) xhur, l-obbligi ewlenin, kif definit fl-Artikolu II, applikabbli fiż-żmien tal-għoti tal-avviż tal-irtirar, se jinżammu miż-żewġ Partijiet.

5. L-Istati Uniti u l-UE jistgħu jemendaw dan il-Qbil bi ftehim reċiproku bil-miktub.

Artikolu VI
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Qbil, “Ċanga ta’ Kwalità Għolja” tfisser:

"Il-qatgħat taċ-ċanga li jinkisbu minn karkassi ta’ erieħ u għoġġiela b’età ta’ inqas minn 30 xahar li, tal-anqas matul l-aħħar 100 jum qabel il-qatla, ikunu ngħalfu b’dieta li tinkludi mhux inqas minn 62 % ta’ konċentrati u/jew koprodotti tal-għalf tal-qamħ, abbażi ta’ materja niexfa, li jilħqu jew jisbqu kontenut tal-enerġija metabolizzabbli (ME) ta’ ’l fuq minn 12.26 megajoules (MJ) kull kilogramm ta’ materja niexfa. L-erieħ u l-għoġġiela li jingħalfu din id-dieta jingħalfu, bħala medja, mhux inqas minn 1.4 % ta' piż ħaj tal-ġisem kuljum abbażi ta’ materja niexfa.

Il-karkassi li minnhom ġejjin il-qatgħat taċ-ċanga jiġu evalwati minn evalwatur impjegat mill-gvern nazzjonali, li jibbaża l-evalwazzjoni, u l-klassifikazzjoni tal-karkassi li tirriżulta minnha fuq metodu approvat mill-gvern nazzjonali. Il-metodu ta’ evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-gvern nazzjonali iridu jevalwaw il-kwalità mistennija tal-karkassa bl-użu ta’ kombinazzjoni ta’ karatteristiċi rigward il-maturità tal-karkassa u rigward kemm il-qatgħat taċ-ċanga jkunu xierqa għall-palat. Metodu bħal dan ta’ evalwazzjoni tal-karkassa għandu jinkludi, iżda ma għandux ikun limitat għal, evalwazzjoni tal-karatteristiċi ta’ maturità tal-lewn u tal-konsistenza tal-muskolu longissimus dorsi, tal-għadam u tal-qarquċa, kif ukoll evalwazzjoni ta’ kemm il-laħam mistenni li jkun xieraq għall-palat, b’kombinazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet definiti tax-xaħam ta’ bejn il-muskoli u tas-sodizza tal-muskolu longissimus dorsi.

Il-qatgħat jiġu ttikkettjati skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

L-indikazzjoni 'Ċanga ta' Kwalità Għolja' tista’ tiżdied mal-informazzjoni fuq it-tikketta.

Artikolu VII
Riżervazzjoni ta' Drittijiet

1. L-ebda Parti mhu se titlob it-twaqqif ta’ panel skont l-Artikolu 21.5 tad-DSU f’*KE – Miżuri li Jikkonċernaw il-Laħam u Prodotti tal-Laħam (Ormoni)* matul it-Tieni Fażi jew it-Tielet Fażi ta’ dan il-Qbil.

2. La dan il-Qbil u lanqas it-teħid ta’ kwalunkwe passi mill-Partijiet maħsuba b’dan il-Qbil ma jippreġudikaw in-nuqqas ta’ ftehim bejn il-Partijiet rigward jekk ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tad-DSB f’*KE — Miżuri li Jikkonċernaw il-Laħam u Prodotti tal-Laħam (Ormoni)* ġewx implimentati.

3. Minbarra kif speċifikament imsemmija hawnhekk, dan il-Qbil huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Uniti u tal-UE skont il-Ftehimiet tad-WTO.

Artikolu VIII
Relazzjoni ma' Drittijiet tad-WTO

1. Il-Partijiet jipprevedu li t-Tielet Fażi ikun jinvolvi t-terminazzjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 22.7 tad-DSU, magħmula mid-DSU fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta’ Lulju 1999, u l-ebda azzjoni oħra m'għandha tittieħed skont id-DSU fir-rigward tad-DS26.

2. Dan il-Qbil u l-pass skont id-DSU msemmi fil-paragrafu 1 huma mingħajr preġudizzju għal xi drittijiet ta’ xi Parti biex tibda tilwima ġdida skont id-DSU.